MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1443/2001/1

**Emanuel Psaila, Mark Psaila, Marianne Psaila, Anthony Psaila u Margaret Psaila, ilkoll werrieta tal-mejta Mary Dolores Psaila**

***Versus***

**Charlo Farrugia u Carmel Grixti; u b'dikriet tas-17 ta' Ottubru 2003 is-soċjetà *GasanMamo Insurance Limited* intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni li ġarrbu bil-mewt tal-awtriċi tagħhom f'inċident tat-triq li jgħidu li seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta' xi wieħed minnhom.
2. L-atturi fissru illi l-inċident li minħabba fih mietet Maria Dolores Psaila, mart l-attur Emanuel Psaila u omm l-atturi l-oħra, seħħ fil-5 ta' Jannar 2001 fi Triq ta' Gandia, Ħal Luqa. Igħidu illi l-inċident seħħ għax il-konvenut Charlo Farrugia, li kien qiegħed isuq il-vettura HAB 884, tilef il-kontroll tal-vettura minħabba manuvra magħmula

mill-konvenut l-ieħor Carmel Grixti, li kien qiegħed isuq il-vettura KAB 476 mid-direzzjoni opposta. Minħabba f'hekk il-konvenut Farrugia laqat lil Maria Dolores Psaila, li kienet wieqfa fit-triq, u għamlilha ġrieħi gravi. Il-kondizzjoni tagħha baqgħet sejra għall-agħar u mietet fil-21 ta' Frar tal-2001.

3. Billi igħidu illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew ta' xi wieħed minnhom, iżda għalxejn sejħulhom biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara li (1) tgħid illi l-inċident tal-5 ta' Jannar 2001 seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew tgħid bi ħtija ta' min minnhom seħħ, u (2) tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi, (3) tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu d-danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittri uffiċjali kontra l-assikuraturi tal-konvenuti u tal-ittri bonarji u uffiċjali kontra l-konvenuti.

4. Il-konvenut Farrugia ressaq l-eċċezzjoni illi l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu iżda bi ħtija tal-konvenut l-ieħor, u għalhekk hu ma għandux iħallas danni, waqt illi l-konvenut Grixti ressaq l-eċċezzjoni illi l-ħtija kienet tal-konvenut Farrugia, u għalhekk hu għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

5. L-inċident seħħ hekk: il-konvenut Farrugia kien qiegħed isuq fi Triq Kandja, Ħal Luqa, sejjer minn Ħal Luqa lejn ta' Kandja. Mill-faċċata tiegħu, sejjer fid-direzzjoni opposta, kien hemm *bowser* u, wara l-*bowser*, kien hemm Grixti, il-konvenut l-ieħor. Fuq in-naħa ta' Farrugia hemm triq sekondarja li tifforma *T-junction* mat-triq mnejn kienu għaddejjin il-konvenuti. Hekk kif il-*bowser* għadda quddiem it-triq sekondarja, il-konvenut Grixti kiser lejn il-lemin tiegħu biex jidħol fit-triq sekondarja. Biex jagħmel hekk kellu jibda jaqsam quddiem il-konvenut Farrugia li kien ġej lejh. Billi ħaseb illi Grixti kien sejjer ikompli jaqsam quddiemu, u biex jevita l-ħabta, Farrugia żamm *brake* u ġibed lejn il-ġenb. Meta għamel hekk, billi ġibed wisq lejn il-ġenb, ras lill-vittma, li kienet wieqfa ma' dak il-ġenb, u laqatha. Ħalla *brake marks* ta' ħmistax-il metru (15m) u xehed illi ħlief meta laqatha lill-vittma ma rahiex. Grixti wkoll waqaf, angolat lejn il-lemin b'mod illi jinvadi parzjalment il-karreġġjata l-oħra, ta' Farrugia, iżda li setgħet tgħaddi vettura mill-

karreġġjata ta’ Farrugia, kif muri fuq l-iskizz tal-post tal-inċident imħejji mill-pulizija[1] u ieħor imħejji mill-Perit Stephen Tonna[2]. Bankina f’dik il-parti tat-triq ma hemmx.

6. Fil-fehma tal-qorti iż-żewġ konvenuti jaħtu għal dak li ġara. Il-konvenut Grixti jaħti għax invada l-karreġġjata mnejn kien għaddej traffiku ieħor bla ma qabel ra setax jagħmel hekk bla ma joħloq emerġenza li ġġiegħel traffiku ieħor ibiddel ħesrem id-direzzjoni jew il-veloċità. Farrugia iżda wkoll jaħti għax ir-reazzjoni tiegħu kienet sproporzjonata u turi li ma kienx qiegħed attent biżżejjed fis-sewqan tiegħu meta tqis il-konfigurazzjoni tat-triq. Fil-fatt, għalkemm Grixti daħallu fil-karreġġjata tiegħu, Farrugia xorta kellu wisa’ biżżejjed mnejn igħaddi li kieku kien attent biżżejjed biex ir-reazzjoni tiegħu tkun proporzjonata mal-emerġenza li nħolqot.

7. Billi iżda kienet il-manuvra ta’ Grixti li ħolqot l-emerġenza, il-qorti hija tal-fehma li s-sehem ta’ dan mill-ħtija hija akbar. Il-qorti għalhekk taqsam il-ħtija hekk: sehem minn tlieta (⅓) fuq il-konvenut Farrugia u żewġ ishma minn tlieta (⅔) fuq il-konvenut Grixti.

8. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

9. L-espert mediku maħtur mill-qorti kien tal-fehma illi, għalkemm il-vittma kellha komplikazzjonijiet mediċi li setgħu ħaffu l-mewt tagħha, madankollu l-mewt kienet konsegwenza diretta tal-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident. Għalkemm il-konvenuti jgħidu illi l-kondizzjoni medika tal-vittma kienet fattur kontributorju li wassal għall-mewt tagħha, dan ma hux il-każ għax il-kawża immedjata, neċessarja u suffiċjenti tal-mewt kienu l-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident. Il-protezzjoni li tagħti l-liġi kontra l-ħtijiet ta’ ħaddieħor ma għandhiex tonqos għax il-vittma jkollha komplikazzjonijiet ta’ saħħa: dawn ikollhom relevanza għall-għanijiet tal-*multiplier* iżda mhux għar-rabta ta’ kawżalità.

10. Ngħaddu issa appuntu biex naraw xi jkun *multiplier* xieraq.

11. Il-vittma kellha sitta u erbgħin (46) sena meta mietet. Kienet mara tad-dar, xogħol li ma tiqafx minnu meta tilħaq l-età tal-pensjoni. Madankollu – u għal dan il-għan

[1] *Fol*. 10.
[2] *Fol*. 58.

għandha relevanza l-kondizzjoni medika tal-vittma qabel l-inċident – minħabba l-istat ta' saħħitha x'aktarx li l-vittma ma kinitx sejra tiflaħ tkompli tagħmel ix-xogħol tad-dar daqslikieku ma kellhiex problemi ta' saħħa. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti tqis illi *multiplier* xieraq ikun dak ta' għoxrin (20) sena.

12. Ladarba l-vittma ma kinitx taħdem bi qligħ iżda tagħmel xogħol tad-dar, il-fattur ta' qligħ għandu jkun daqs il-paga minima li tingħata lil dawk li jagħmlu xogħol domestiku li iżjed jixbah lil dak li tagħmel mara tad-dar, li llum hija mitejn u tmienja u sebgħin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€287.68) fix-xahar, jew tlitt elef, erba' mija u tnejn u ħamsin euro u sittax-il ċenteżmu (€3,452.16) fis-sena skond ir-reg. 4(b) tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex jirregola l-Pagi [L.S. 452.40]. Billi l-inċident ilu li seħħ għaxar snin, dan għandu jitqies il-medja tad-dħul matul l-għoxrin sena.

13. Billi l-armel u d-dipendenti tal-vittma jkollhom iħallsu mhux inqas minn daqshekk biex jieħdu s-servizzi li kienet tagħti fid-dar il-vittma, ma huwiex il-każ illi jsir xi tnaqqis talli l-vittma l-istess servizzi kienet tirrendihom lilha nfisha wkoll. Ukoll, billi ġà għaddew ftit inqas minn għaxar snin minn dakinhar tal-inċident, ma huwiex il-każ illi jsir xi tnaqqis minħabba ħlas antiċipat ta' dħul tal-ġejjieni, iżda l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu millum.

14. Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somma ta' tlitt elef, erba' mija u tnejn u ħamsin euro u sittax-il ċenteżmu (€3,452.16) għal għoxrin (20) darba, jew disgħa u sittin elf u tlieta u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€69,043.20), li minnhom għandu jħallas tlieta u għoxrin elf u erbatax-il euro u erbgħin ċenteżmu (€23,014.40) il-konvenut Farrugia u sitta u erbgħin elf u tmienja u għoxrin euro u tmenin ċenteżmu (€46,028.80) il-konvenut Grixti.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet taż-żewġ konvenuti, u tgħid illi l-inċident li fih tilfet ħajjitha l-awtriċi tal-atturi seħħ bi ħtija tal-konvenuti fis-sehem ta' wieħed minn tlieta (⅓) l-konvenut Farrugia u żewġ ishma minn tlieta (⅔) l-konvenut Grixti, tillikwida d-danni fis-somma ta' disgħa u sittin elf u tlieta u erbgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€69,043.20), u tikkundanna lill-konvenut Farrugia jħallas tlieta u għoxrin elf u erbatax-il euro u erbgħin ċenteżmu

(€23,014.40) flimkien mal-imgħaxijiet relativi millum, u tikkundanna lill-konvenut Grixti jħallas sitta u erbgħin elf u tmienja u għoxrin euro u tmenin ċenteżmu (€46,028.80) flimkien mal-imgħaxijiet relativi millum.

16. Il-konvenut Farrugia għandu jħallas ukoll sehem minn tlieta (⅓) tal-ispejjeż kollha tal-kawża, u l-konvenut Grixti għandu jħallas żewġ ishma minn tlieta (⅔).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------